PDF Compressor Pro

`

# BORD TA' INVESTIGAZZJONI DWAR STIPENDJI GHAL STUDENTI LI JSEGWU KORS TA' REVIZJONI FIL-LIVELL ORDINARJU FI SKEJJEL POST-SEKONDARJI

## RAPPORT FINALI

**17 TA' OTTUBRU 2013**

Paul Bonello (Chairman)
Avv Charmaine Cristiano Grech (Membru)
Frederick Fearne (Membru)
Victor Agius (Segretarju)

PDF Compressor Pro

A. Inkarigu

1. Permezz ta' ittra datata 4 t'Ottubru 2013, [1] il-Ministru ghall-Edukazzjoni u Xoghol hatar Bord ad hoc sabiex jinvestiga b'mod generali l-amministrazzjoni tal-istipendji, u b'mod aktar partikolari dak li sehh fl-ewwel granet t'Ottubru ta' dan is-sena fir-rigward tal-istipendji li jinghata lill-istudenti post-sekondarji li jkunu qed isegwu kors ta' revizjoni tas-suggetti fil-livell ordinarju fi skejjel post-sekondarji.

2. Dan il-Bord kien immexxi minn Paul Bonello, u kien jinkludi bhala membri lil Avukat Charmaine Cristiano Grech u Frederick Fearne. Is-Segretarju tal-Bord kien Victor Agius.

3. Dan il-Bord Investigattiv (aktar 'l isfel maghruf bhala l-'Bord*" jew "Bord* Investigattiv") intalab:

(a) jezamina l-fatti li sehhew fir-rigward tal-korrispondenza dwar l-ghoti tal-istipendji lill-istudenti li qed isegwu kors ta' revizjoni tas-suggetti fil-livell ordinarju f'istituzzjonijiet post-sekondarji;
(b) jezamina l-proceduri amministrattivi segwiti f'dan ir-rigward u jidentifika jekk saru xi nuqqasijiet;
(c) jidentifika min kien responsabbli jekk saru xi nuqqasijiet;
(d) jirrakomanda x'passi ghandhom jittiehdu.

4. Il-Bord intalab jipprezenta r-rapport tieghu fi zmien sebat ijiem mid-data tal-ittra ta' hatra tal-4 ta' Ottubru 2013. Peress izda li din id-data ma kenitx ser tintlaqa' minhabba n-numru mhux zghir ta' nies li kien meqjus ghaqli li jinstemghu, il-Bord talab, u ottjena, estensjoni tat-terminu li fih ried jitlesta r-Rapport, sal-Gimgha 18 t'Ottubru 2013.

5. Ic-Chief of Staff (Designate) tal-Ministeru, is-Sur David Caruana, ghadda lil Bord is-segwenti dokumentazzjoni rigward is-suggett in kwestjoni:

i. File Ministerjali Riferenza MEEF/400/2010 b'dokumenti mmarkati minn 1 sa 20. Id-dati koperti huma mill-21 ta' Gunju 2010 sal-5 t'Ottubru 2013.

Dan il-file kien jinkludi id-dokumenti segwenti partikolarment importanti:

[1] Mehmuza mal-Minuti tal-Ewwel Laqgha tal-Bord, immarkat Dokument 07/10/13-A

PDF Compressor Pro

- Minuti tal-Laqghat tal-Istudent Maintenance Grants Board (minn issa 'l quddiem *"Bord tal*-Istipendji") tas-26 ta' Lulju 2013u d-29 t'Awwissu 2013;
- Minuti ta' Laqghat tac-Chairman tal-Bord tal-Istipendji mal-Stipends Officers tas-17 ta' Settembru 2013 u d-19 ta' Settembru 2013;

- Minuti ta' Laqghat tac-Chairman tal-Bord tal-Istipendji ma' ufficjali amministrattivi tal-Maintenance Grants Section tas-27 Settembru 2013 u 30 ta' Settembru 2013;

- korrispondenza bejn ic-Chairman tal-Bord tal-Istipendji mac-Chairman ta' qabel, Mario Schiavone

Dan il-file ma kienx jinkludi l-Minuti tal-Bord tal-Istipendji tas-26 ta' Settembru 2013.

ii. Attendance Sheet tal-Laqghat tal-Bord tal-Istipendji li saru bejn Lulju 2013 u Settembru 2013;

iii. File iehor bi cuttings mill-istampa tradizzjonali u dik elettronika u li koprew din il-kontroversja bejn l-1 u s-7 t'Ottubru 2013.

B. Ezekuzzjoni tal-Inkarigu

6. Fil-qadi ta' dan l-inkarigu, il-Bord zamm sitt laqghat f'wahda mill-Board Rooms tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Impjiegi, Beltissebh.

Il-minuti tal-laqghat jinkludu dettalji shah ta' dak kollu li sema' u kkunsidra l-Bord biex wasal ghall-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tieghu li jinsabu f'Sezzjoni D f'dan ir-Rapport.

Dawn il-minuti gew approvati mill-membri kollha tal-Bord.

Il-Bord qed jghaddi l-Minuti u d-dokumenti mehmuzin maghhom lill-Ministru ma' dan l-istess Rapport.

C. Laqghat tal-Bord

C.1 L-Ewwel Laqgha

7. L-ewwel laqgha nzammet it-Tnejn, 7 t'Ottubru 2013.

Ic-Chairman introduca lill-membri ma' xulxin.

PDF Compressor Pro

Il-membri qablu li jiltaqghu kuljum fil-granet ta' wara.

Wara li saret konsultazzjoni mal-ufficcju tas-Segretarju Permanenti Principali u gie accertat li ma kienx hemm procedura stabbilita li l-Bord kellu jsegwi, l-Bord ikkonstata li seta' jirregola l-procedura tieghu stess, izda dejjem fl-osservanza ta' principji ta' governanza tajba.

F'dan il-qafas, il-membri tal-Bord qablu li l-kworum taghhom ikunu tnejn minn tlieta. [2]

Gie deciz ukoll illi c-Chairman kellu jaghti notice b'*e*-mail lil dawk il-persuni li l-Bord deherlu relevanti biex jaqdi t-terms of reference tieghu. Kien hemm qbil dwar minn kellhom ikunu dawn il-persuni; dettalji ta' min minnhom instemghu u ohrajn le jidhru aktar 'l isfel f'dan ir-Rapport.

C.2 It-Tieni Laqgha

8. It-tieni laqgha nzammet it-Tlieta, 8 t'Ottubru 2013.

9. Il-persuni li nstemghu f'din il-laqgha kienu is-Sur Joe Caruana, Chief of Staff u designate Permanent Secretary fil-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol.

C.3 It-Tielet Laqgha

10. It-tielet laqgha inzammet l-Erbgha, 9 t'Ottubru 2013.

11. F'din il-laqgha instemghu is-surmast tal-iskola Mikelang Refalo tar-Rabat Ghawdex, is-Sur Marcello Xuereb, u s-Sur Andre' Vassallo Grant, Direttur Generali, Corporate Services, Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol.

12. Is-surmast tal-iskola Giovanni Curmi Higher Secondary tan-Naxxar, Ms Mary Attard, baghtet e-mail fejn spjegat li kienet ser tkun imsiefra bejn id-9 t'Ottubru u l-14 t'Ottubru. Madankollu hija baghtet id-dokumentazzjoni kollha rilevanti li kienet irceviet dwar it-"tnehhija" tal-istipendju in ezami u ghalhekk il-Bord hass li ma kienx hemm bzonn li jinsisti li din tidher quddiem il-Bord mar-ritorn taghha.

[2] Effettivament, il-membri kollha tal-Bord attendew il-laqghat kollha.

PDF Compressor Pro

C.4 Ir-Raba' Laqgha

13. Ir-raba' laqgha nzammet il-Hamis, 10 t'Ottubru 2013.

14. Matul din il-laqgha, il-Bord sema' lil Professur James Calleja, Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol, li izda kien ser jispicca mill-post tieghu fil-granet ta' wara biex jiehu senior post f'agenzija tal-Unjoni Ewropeja.

Instemghet ukoll Ms Diane D'Alessandro, Assistant Principal u Kap tat-Taqsima tal-Maintenance Grants.

Instemghu wkoll Vincent Borg u David Bonello, it-tnejn li huma membri tal-Bord tal-Istipendji. Instema' wkoll is-Sur Charles Cilia, is-Segretarju tal-istess Bord.

Il-Bord iddecieda li ma kienx hemm bzonn li jinsisti li jisma' membri ohra tal-Bord li kienu intalbu jattendu nhar il-Hamis 10 t'Ottubru 2013 izda li ma setghux, u dan peress li l-evidenza li kienet qed tinstema' kienet qed tikkorobora lilha nnifisha u ma kienx hemm dubji dwar kif zvolgew l-avvenimenti.

15. Matul din il-laqgha gew intavolati il-vari Avvizi Legali li kienu gabu fis-sehh il-Ligi Sussidjarja 327.178 taht it-titlu Student Maintenance Grants Regulations. Saret ukoll diskussjoni teknika dwar l-istess, anke a bazi ta' dak li l-Bord kien sema' minn diversi minn dawk li nstemghu fil-vari laqghat tal-Bord.

16. Matul il-laqgha giet intavolata wkoll l-iscript tal-indirizz tal-President fil-ftuh ta' din il-legislatura fis-6 t'April 2013 bhala l-policy document ufficjali tal-Gvern f'dik li hija materja ta' edukazzjoni u stipendji.

C.5 Il-Hames Laqgha

17. Il-hames laqgha nzammet il-Gimgha 11 t'Ottubru 2013. Matulha, il-Bord sema' lil Ministru tal-Edukazzjoni u Impjiegi, l-Onorevoli Evarist Bartolo, u lic-Chairman tal-Bord tal-Istipendji, is-Sur Tonio Briguglio.

D. Konkluzjonijiet u Rakkommandazzjonijiet.

18. Wara li sema' lill-ufficjali kollha fuq imsemmija, u wara li qies ic-cirkostanzi kollha, u anke wara li ghamel id-deliberazzjonijiet meqjusa tieghu, il-Bord issa ser jghaddi biex iwiegeb ghat-talbiet tal-ittra tal-hatra tat-4 t'Ottubru 2013. Irid jinghad li d-deliberazzjonijiet u konkluzjonijiet li gejjin huma l-fehma unanima tal-membri tal-Bord.

PDF Compressor Pro

19. Konkluzjonijiet ta' Fatti.

i. Huwa evidenti mid-dokumenti kollha li gabar u kkonsidra l-Bord, kif ukoll mill-Minuti tal-Bord tal-Istipendji, li ma kienx il-Bord tal-Istipendji li ddecieda li jwaqqaf l-istipendju lill istudenti li kienu qed jaghmlu l-kors ta' revizjoni tal-O Levels fl-iskejjel post-sekondarji. [3] Id-decizjoni hadha ic-Chairman tal-Bord wahdu u minkejja l-attentati u l-pariri tas-Sinjura D'Alessandro, Kap tad-Taqsima tal-Istipendji, u tac-Chairman ta' qabel, is-Sur Schiavone. Il-Bord tal-Istipendji qatt ma kkonsidra jew iddiskuta dan it-tip ta' stipendju. Din il-konkluzjoni issib konferma mis-Sur Briguglio stess. [4]

ii. Huwa evidenti u minghajr dubju mill-evidenza li ngabret li l-Ministru qatt ma gie ikkonsultat dwar it-tnehhija tal-istipendju suggett ta' dan il-Bord ta' Investigazzjoni. Dan gie konfermat mis-Sur Briguglio innifsu. [5]

Anzi, f'cirkostanzi analogi li gew riferuti lill-Ministru ghall-interpretazzjoni anqas favorevoli ta' stipendji ohra ezistenti, u dana fil-granet u l-gimghat ta' qabel ma qam dan l-incident, id-direzzjoni tal-Ministru kienet cara li l-ebda tnaqqis fl-applikazzjoni tal-istipendji ezistenti ma tigi approvata. [6]

Minuta ta' Laqgha tal-istess Chairman mal-Istipends Officer tat-30 ta' Settembru 2013, iffirmata mill-istess Chairman, is-Sur Briguglio, tghid hekk:

"Ms Joan Azzopardi asked Mr Briguglio whether those students attending SEC / O Level Revision Courses will continue to be issued with a stipend and smart card top-up. When Mr Briguglio pointed out that the Schedule, as amended during the year 2012, seems to exclude such students, Ms Azzopardi confirmed that the previous Chairperson had approved that such students are to be issued with a stipend and smart card top-up. Mr Briguglio and Mr Borg informed Ms Azzopardi that this *matter will be referred to the Minister for his consideration and approval"*. Din ir-referral lil Ministru pero' ma saret qatt kif ammetta l-istess Sur Briguglio meta gie mistoqsi espressament dwar dan meta deher quddiem il-Bord. [7]

[3] Ara per ezempju l-Minuti ta' dan il-Bord Investigattiv tal-10 t'Ottubru 2012, Paragrafu 9, Evidenza ta' Vince Borg, Membru tal-Bord tal-Istipendji

[4] Ara Minuti ta' dan il-Bord Investigattiv tal-laqgha tad-9 t'Ottubru 2013, Paragrafu numru 3

[5] idem

[6] Ara Minuti ta' dan il-Bord Investigattiv tal-laqgha tal-11 t'Ottubru 2013, Evidenza tal-Ministru Bartolo, Paragafu numru 2

[7] Idem

PDF Compressor Pro

iii. Huwa wkoll evidenti li jezistu problemi tekniko-legali fl-Avviz Legali, inkluz dawk li jaffetwaw l-istipendju in kwestjoni.

Huwa korrett is-Sur Briguglio li jghid li l-istipendju ghar-revision course tal-Ordinary Levels ma hux previst mil-Ligi Sussidjarja 327.178. Dan ghaliex sa minn meta originat il-Ligi Sussidjarja b'effett tal-Avviz Legali 372 tal-2005, l-Iskeda ta' beneficcji kienet intiza precizament skond it-titlu ta' Parti 1 taghha "Students in Post-*Secondary and Vocational Educational Training Courses"* ghal studenti post-sekondarji u kienet espressament tghid *"other than a SEC / O Level Revision Course*". Dan it-tip ta' stipendju ma kienx previst mill-istess Ligi Sussidjarja sa minn meta dan l-istipendju ddahhal fis-sena akkademika 2010/2011 [8] u dahal presubilment b'koncessjoni ta' applikazzjoni generali mill-Ministru ta' dak iz-zmien u minghajr ma giet emendata il-Ligi Sussidjarja kif kien awspikabbli. Dan ghaliex il-Ligi Sussidjarja fl-Iskeda taghha meta tithaddet dwar stipendji "other than a SEC / O Level Revision Course" prattikament dan it-test ifisser li mhux talli ma jkoprix dan l-istipendju izda jeskludih.

Fejn mhuwiex korrett is-Sur Briguglio huwa meta kkonkluda [9] li dan l-istipendju mhux pagabbli ghaliex il-Ligi Sussidjarja inbidlet fis-sena 2012 u "the Board will abide by such an amendment". [10] L-emendi tal-2012 kienu jikkonsistu anke f'modifika ghal Klawsola 12, u la din u lanqas emendi ohra fl-istess Avviz Legali 347 tal-2012 ma kellhom l-ebda rilevanza ghal dan l-istipendju tal-O Level Revision Course. U fil-fatt it-test "other than a SEC / O Level Revision Course" kien ilu fil-Ligi Sussidjarja minn meta harget fl-1 t'Ottubru 2005.

Lanqas ma huwa korrett is-Sur Briguglio meta ghadda ghal konkluzjoni li ghaliex dan l-istipendju mhux previst, allura irid jigi meqjus bhala "illegali" jew "mhux permess" jew kontra l-ligi. [11] Dan li qed jinghad fil-paragrafu precedenti ma jfissirx li l-istipendju ma kienx qed jithallas skond il-ligi la darba dan gie approvat mill-Ministru ta' dak iz-zmien. Jista' jkun li l-Ligi Sussidjarja ma kenitx tipprevedi dan l-istipendju izda ma jfissirx li mhux permess jekk il-Ministru jaghmel koncessjoni ai termini ta' Klawsola 13 tal-istess Ligi Sussidjarja. Ghalkemm l-ebda approvazzjoni jew minuta f'dan is-sens iffirmata mill-Ministru ta' dak iz-zmien ma nstabet fil-files li nghataw lil Bord, il-Bord irid jahseb, u obbligat jehodha bhala for granted, illi meta c-Chairman tal-Bord tal-Istipendji precedenti, is-Sur Schiavone, implementa dan il-beneficcju, huwa kien politikament awtorizzat.

[8] Ara Minuti ta' dan il-Bord Investigattiv tal-10 t'Ottubru, Paragrafu 7, evidenza ta' Diane D'Alessandro
[9] Ara l-email tieghu lis-Sinjura D'Alessandro tal-1 t'Ottubru 2013 biex jimmotiva d-decizjoni tieghu
[10] Idem
[11] Ara Minuti ta' dan il-Bord Investigattiv tal-11 t'Ottubru, Paragrafu 3, evidenza tas-Sur Briguglio innifsu

PDF Compressor Pro

iv. Il-komportament ta' Diane D'Alessandro, Assistant Principal u Kap tat-Taqsima tal-Maintenance Grants, kien korrett, specjalment meta marret lil hemm mid-dmirijiet purament amministrattivi taghha u ppruvat tissensibilizza lic-Chairman tal-Bord tal-Istipendji ghal mod kif kien qed jiddecidi dwar it-tnehhija tal-istipendju in kwestjoni, jigifieri fuq interpretazzjoni wisq formalistika tal-Ligi Sussidjarja u f'cirkostanzi meta dan l-istipendju kien ilu jithallas tlett snin akkademici. [12]

Lanqas tista' tinghata xi tort meta avzat lill-iskejjel koncernati tan-Naxxar Malta u r-Rabat Ghawdex bid-dispozizzjonijet tassattivi tas-Sur Briguglio.

L-istess irid jinghad dwar il-komportament ta' Joan Azzopardi f'din il-kwestjoni. [13]

v. Il-komportament ta' Mario Schiavone, Chairman tal-Bord tal-Istipendji taht l-amministrazzjoni ta' qabel, f'din il-kwestjoni kienet ukoll ezemplari. Is-Sur Schiavone ghen kemm seta' lic-Chairman prezenti u lit-Taqsima tal-Istipendji dwar kif kellhom jittrattaw din il-kwestjoni meta qamet u qabel ma ttiehdet id-decizjoni tas-Sur Briguglio fl-1 t'Ottubru 2013. [14]

vi. Minn naha l-ohra, mill-evidenza miksuba, jidher li l-Bord tal-Istipendji fl-amministrazzjoni ta' qabel ma kienx jiltaqa' u d-decizjonijiet ta' policy kien jehodhom il-Ministru u / jew ic-Chairman tal-Bord tal-Istipendji. L-ebda Minuti tal-Laqghat jew ta' approvazzjoni Ministerjali ma nstabu fil-file li ssir referfenza ghalif f'Paragrafu 5.i ta' dan ir-Rapport. [15]

20. <u>Konkluzjonijiet li johorgu minn apprezzament tal-fatti accertati.</u>

i. Il-Bord huwa tal-fehma li s-Sur Briguglio ghamel apprezzament hazin tal-procedura li kellha tigi adottata qabel ma kellha tigi implimentata tnehhija ta' stipendju. Messha kienet cara ghall-ahhar ghalih li ma kellhomx jinghataw dispozizzjonijiet lill-istaff amministrattiv, kif fil-fatt inghataw, biex ma jithallasx izjed l-istipendju li kien sa issa qed jithallas lill-istudenti li kienu dahlu ghal O Level Revision Course fil-Higher Secondary qabel ma tigi ezawrita l-procedura korretta, jigifieri:

a. issir evalwazzjoni tajba tal-kwestjoni, inkluz fejn rilevanti, aspetti socjo-ekonomici u aspetti legali, u dan qabel ma biss titpogga ghad-diskussjoni fil-Bord;

---

[12] Ara Minuti ta' dan il-Bord Investigattiv tal-10 t'Ottubru, Paragrafu 7, evidenza ta' Diane D'Alessandro

[13] Ara Minuti ta' Laqgha bejn ic-Chairman tal-Bord tal-Istipendji u l-*Istipends Officer* tat-30 ta' Settembru 2013, Pagna 2, kif kwotati f'Nota (ii) hawn fuq

[14] Ara skambju ta' e-mails fit-30 ta' Settembru u l-1 t'Ottubru bejn l-istess

[15] Ara Minuti ta' Laqgha ta' dan il-Bord Investigattiv tal-10 t'Ottubru 2013, Evidenza tas-Segretarju tal-Bord tal-Istipendji ta' dak iz-zmien Diane D'Alessandro, Paragrafu 7

PDF Compressor Pro

b. issir diskussjoni fil-Bord tal-Istipendji tal-probematici li l-kwistjoni tipprezenta;

c. f'kaz li jirrizulta lill-Bord tal-Istipendji li hu indikat it-tnehhija jew tibdil sostantiv f'xi stipendju, id-decizjoni tal-Bord kellha dejjem qabel tigi pprezentata lil Ministru fi forma ta' rakkomandazzjoni biex imbaghad il-Ministru jiehu hsieb jaghti direzzjoni lil Bord bid-decizjoni politika tal-Gvern dwar il-materja.

L-aspett (c) tkellem dwaru anke is-Segretarju Permanenti, Prof James Calleja, li stqarr li "*ghalih kien dejjem car li kull Chairman ta'* Bord irid jara li tigi implimentata l-policy tal-Gvern tal-gurnata u li fejn hemm decizjonijiet politici li jridu jittiehdu, dawn dejjem ghandhom jigu riferuti lil Ministru. Zied ighid li huwa ovvju li meta jinbidel il-Gvern, il-Bordijiet iridu necessarjament jiehdu nota tal-politika tal-amministrazzjoni l-*gdida". *[16]

ii. Il-Bord hu tal-fehma illi kien suppost bizzejjed evidenti li dak li qed jinghad hawn fuq kellu aktar rilevanza meta wiehed iqis il-politika iddikjarata tal-amministrazzjoni fil-Gvern, kemm kif tohrog mill-programm elettorali tal-partit fil-Gvern kif ukoll, u izjed importanti, mill-indirizz tal-President fil-ftuh ta' din il-legislatura f'April 2013 meta wiehed kien isib il-politika tal-Gvern dwar l-istipendji bl-aktar mod car b'dan il-mod:

*"The main aim of the new Government in the field of education is to have more young people continuing their studies. We must provide them with the skills they need to find work that befits them.*

*"To achieve this, we must work to ensure that from the outset every boy and girl, whoever they are, has the opportunity to develop their capabilities. Schools must better prepare our children, together with motivated teachers who are also given the opportunty to succeed. The new Government will sustain and strengthen the positive measures such as stipends".*

iii. Dan t'hawn fuq ghandu wkoll izjed rilevanza ghaliex is-Sur Briguglio kien diga' irrefera zewg kazijiet ohra fejn saret rakkomandazzjoni ghal interpretazzjoni aktar dejqa u tassattiva ta' stipendji u fil-kaz tat-tnejn id-direzzjoni tal-Ministru kienet li ma kellu jintmess xejn min kif kienu qed jinghataw l-istipendji issa li b'xi mod ikunu anqas favorevoli.

[16] Ara Minuti tal-Laqgha ta' dan il-Bord Investigattiv tal-10 t'Ottubru 2012, Paragrafu 6

PDF Compressor Pro

iv. Barra minn hekk, il-Ligi Sussidjarja 327.178 taht Klawsola 20 – Funzjonijiet tal-Bord – hija cara li l-Bord tal-Istipendji ghandu biss rwol advisory lil Ministru f'dik li hija "changes to the national policy in post-secondary, vocational and *tertiary education financial support".* [17] Dan ta' qabel huwa minkejja li imbaghad, fejn il-politika tal-Gvern hija deciza, l-Bord kellu awtorita' li jezegwixxi l-istess politika.

v. Minkejja l-konkluzjonijiet minn (i) sa (iv) hawn fuq, il-Bord huwa tal-fehma li s-Sur Briguglio kellu intenzjonijiet tajba f'kull ma ghamel u agixxa in bona fede bil-mod ta' kif haseb li kellu jimxi, ghalavolja dan kien zbaljat. Il-mod kif agixxa s-Sur Briguglio ma kien bl-ebda mod intiz li jaghti xi majnata lil image tal-Gvern f'ghajnejn l-istudenti u l-genituri, izda kien ispirat biss b'importanza esklussiva lill-formalitajiet tal-kundizzjonijet tal-istipendji minghajr l-attenzjoni lejn is-sustanza politika u socjali tal-kaz, u bi hsieb li dejjem jipprotegi l-erarju tal-Gvern.

Anke l-istess Ministru xehed li hu konvint li s-Sur Briguglio agixxa in bona fede, u agixxa kif agixxa ghaliex huwa "bniedem perfezzjonist". [18]

21. <u>Rakkomandazzjonijiet</u>.

i. Il-Bord ghandu dubji mhux zghar dwar kemm il-pozizzjoni tas-Sur Briguglio bhala Chairman tal-Bord tal-Istipendji ghadhiex tenibbli. Dan mhux tant ghaliex zbalja proceduralment izda aktar minn hekk ghaliex jidher li ghadu ma fehemx li zbalja u ghadu jsostni li mexa korrettament. [19]

ii. Id-decizjoni dwar jekk il-Ministru jilqax l-offerta ta' rizenja tas-Sur Briguglio li ghamel fit-2 t'Ottubru 2013 [20] ghaldaqstant hija tal-Ministru. Jekk il-Ministru jilqa' din l-offerta ta' rizenja, rizenja bhal din tinkwadra perfettament fl-isfond ta' accountability u ta' assunzjoni ta' responsabilta' mic-Chairman Briguglio ta' incident procedurali bla bzonn li ta zvog ghal tfiegh ta' tajn u akkuzi politici bla bazi kontra l-Gvern fis-sens li dan tal-ahhar ried jibda jirriduci l-istipendji meta ma kien hemm xejn minn dan.

iii. Minhabba li l-Bord ma ghandu l-ebda dubju dwar il-bona fede ta' Tonio Briguglio, l-Bord ma jirrakkomanda l-ebda tehid ta' dixxiplina amministrattiva kontra l-istess. Il-Bord huwa konvint li jista' jsir l-ahjar uzu tal-kapacitajiet u l-kwalitajiet tas-Sur Briguglio fl-interess tal-career path tieghu u tal-ahjar amministrazzjoni tac-civil.

---

[17] Klawsola 20(viii)
[18] Ara Minuti tal-Laqgha ta' dan il-Bord Investigattiv tal-11 t'Ottubru 2013, Paragrafu 2
[19] Idem, izda Paragrafu 3
[20] idem, Paragrafu 2

PDF Compressor Pro

iv. It-test tal-Ligi Sussidjarja kif inhu prezentament huwa ferm inadegwat u jaghti lok ghal interpretazzjonijiet varji, kif ukoll ma jkoprix l-istipendji li bhalissa huma pagabbli. L-istipendji pagabbli ghandhom jithallsu rizultat ta' test legali car u mhux f'xi forma ta' koncessjoni. Il-lok ghal koncessjonijiet ghandu jkun ristrett ghal kazi individwali fejn ic-cirkostanzi jkunu specjali u hemm bzonn li jsiru konsiderazzjonijiet specjali u mhux f'cirkostanzi ta' applikazzjoni generali. It-test tal-Avviz Legali inbidel diversi drabi u llum ghandu elementi ta' nuqqas ta' coherence u hu evidenti li nkiteb fi zmenijiet differenti minn pinna u mohh differenti f'forma piecemeal biex jissodisfa l-bzonn tal-mument flok hsieb omogenju u holistiku fl-isfond tal-inkwadratura socjo-ekonomika tal-iskema tal-istipendji.

Il-Ligi Sussidjarja ghandha tkun aktar specifka fuq kwestjonijiet ta' procedura u jaghmlu mandatorja li decizjonijiet amministrattivi u rakkomandazzjonijiet lill-Ministru ghandhom ikunu rizultat ta' rizoluzzjoni tal-membri tal-Bord, mlaqqa' b'notice a propositu u bi kworum milhuq, u mhux b'decizjoni tac-Chairman b'eskluzjoni tal-membri formalment approvati kif jidher li kien qed isir fis-snin ta' qabel.

Ghaldaqstant ghandi ssir revizjoni tat-test tal-Ligi Sussidjarja.

v. It-test tal-Ligi Sussidjarja riveduta ghandu jaghmel car aktar milli huwa illum l-irwol tal-Ministru li jaghti approvazzjoni ghal kwalunkwe tibdil sostantiv fl-applikazzjoni tal-istipendji.

Iffirmat, illum 17 ta' Ottubru 2013,

| | |
|---|---|
| Paul Bonello<br>Chairman | Charmaine Cristiano<br>Membru |
| Frederick Fearne<br>Membru | Victor Agius<br>Segretarju |